# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 368/02 AJD**

**Joseph u Lorenza konjugi Mercieca**

**vs**

**Melvin u Josephine konjugi Depasquale**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Frar 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigi kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,151.27) rapprezentanti valur ta' appogg ippratikat mll-konvenuti bil-bini taghhom fi Triq il-Misqa, Zabbar mal-bini tal-atturi fl-istess triq f'Haz-Zabbar.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju 1999, kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma kkontestaw t-talba attrici ghal hlas ta' appogg peress li huma ma wzawx il-hajt in kwistjoni bhala appogg u ghalhekk m'ghandhom ihallsu xejn lill-atturi.

Ra l-kontr-talba tal-konvenuti fejn huma talbu l- l-atturi jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' elf u tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm1,042.00) rapprezentanti l-valur tal-art okkupata mill-atturi skond ma jirrizulta mid-dokument immarkat bhala MD 1.

Ra r-rsposta tal-atturi ghal kontro-talba prezentata mill-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok il-kontro-talba m'hijiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal u dan ai termini tal-Artikolu 47(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili.
2. Ill, minghajr rpregudizzju ghal premess, ma saret l-ebda okkupazzjoni ta' art kif qieghed jigi allegat fl-istess kontro-talba.

Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet rigwardanti l-eccezzjoni ta' nkompetenza sollevata mill-atturi in kwantu jirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenuti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' nkompetenza.

Ikkunsidra:

Illi l-atturi qeghdin jeccepixxu li ll-kontro-talba tal-konvenuti tezorbita mill-kompetenza ta'dan it-Tribunal u dan ai termini tal-Artikolu 47(3) tal-Kap. 12. L-Artikolu citat jrrigwarda l-kompetenza tal-Qrati Nferjuri u mhux ta' dan it-Tribunal izda l-imsemmi Artikolu huwa identiku ghal-Artikolu 3 tal-Kap. 380, u cioe' dak l-Artikolu li jiddetermina l-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Dan l-Artikolu jghid hekk:

**‘Bla hsara ghas-subartikolu 5 ta’ dan l-artikolu, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont mhux izjed minn elf u hames mitt Lira Maltija.**

**(5) Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar propjeta’ ta’ benii immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma’ immobbli ghad li t-talba ma tkunx tiskorri l-elf u hames mitt Lira Maltija u kawzi ta’ zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal.”**

Illi ma jistax ikun hemm dubju li l-pretensjoni tal-konvenuti li huma jithallsu tal-okkupazzjoni/invazjoni tal-art taghhom, li allegamtament saret mill-atturi, tikwalifika bhala kwistjoni dwar beni mmobbli ai termini ta’ dan l-Artikolu stante li sabiex jigi determinat jekk hemmx lok ghat-tpacija mal-ammont mitlub mill-atturi bhala hlas ghall-appogg, jew biss ghall-kundanna tal-ammont mitlub bhala kumpens ghall-invazjoni tal-art, izda, irid l-ewwel jigi deciz li saret tali invazjoni, liema decizjoni necessarjament tikkomporta indagni dwar il-propjeta’ tal-art in kwistjoni. Ghalhekk jirrizulta inekwivokabilment li l-kontro-talba tal-konvenuti tezorbita mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Illi f’sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Cvili tal-1 ta’ Dciembru 1964 fil-kawza fl-ismijiet “Charles Fenech vs Annunziato Camilleri’ ( Vol. XLVIII(E).ii.1295) il-Qorti rriteniet t-talba principali u t-talba rikonvenzjonali ghandhom, ghal fini ta’ kompetenza, jigu kkunsidrati separatamen, b’mod illi t-tribunal li huwa kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba principali, ghalhekk biss ma jsirx kompetenti wkoll sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba rikonvenzjonali meta din tal-ahhar, jew minhabba l-oggett, jew minhabba l-valur, taqa’ barra mill-kompetenza ta’ dan it-tribunal. Illi kieku ma gietx sollevata din il-kwistjoni tal-invazjoni tal-art, it-Tribunal certament kien ikollu kompetenza sabiex jiddeciedi dwa it-talba attrici ghall-hlas tal-appogg stante li dan id-dritt m’huwiex wiehed reali (jus in rem) u ta’ natura immobiljari izda huwa dritt personali u cioe’ ‘jus in personam’. Fil-fehma tat-Tribunal, izda, l-kwistjoni tal-invazjoni tal-art, li giet sollevata mll-konvenut anki ‘per via d’eccezzone’, u mhux biss in via kontravenzjonali, twessa’ l-mertu tal-

azzjoni attrici. Minn ezami tar-rapport tal-Perit Muscat Azzopardi esibit mill-konvenuti (a fol. 17 tal-processs) jidher li l-kwistjoni tal-appogg u dik tal-invazjoni jew okkupazzjoni tal-art huma intrinsikament konnessi fis-sens illi sabiex jigi deteminat jekk il-konvenuti appogjawx mal-propjeta' tal-attruri, it-Tribunal ikollu wkoll jindaga jekk saritx invazjoni tal-art tal-konvenuti da parti tal-atturi u, kif diga spjegat aktar il-fuq, it-Tribunal m'ghandux kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi din il-kwistjoni. Ghalhekk it-Tribuunal ser jakkorda lill-konvenuti zmien xahar mill-llum sabiex jipproponu l-azzjoni rigwardanti l-invazjoni fit-termini minnhom eccepita u kif proposta fil-kontro-talba..

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-atturi fir-risposta taghhom ghal kontro-talba tal-konvenuti u jiddikjara li din il-kwistjoni tezorbita mill-kompetenza tieghu 'rationae materiae' u, ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq, jakkorda lill-konvenuti zmien xahar mill-llum sabiex jipproponu l-azzjoni rigwardanti l-invazjoni fit-termini minnhom eccepita u kif proposta fil-kontro-talba, u jiddiferixxi l-kawza sine die propnibbli b'rikors minn xi parti wara li tkun finalment giet deciza mill-qorti kompetenti l-kawza li kellhom jipproponu l-konvenuti fiz-zmien lilhom moghti, jew f'kaz li jaghzlu li hekk ma jaghmlux, appena jiskadi dan it-terminu inutilment.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjes ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**